# NOTI FUQ L-EKOLOĠIJA

## *fid-dawl tat-Tagħlim Socjali tal-Knisja*

**Fr. Effie Masini**

## 1.0. X'INHI L-EKOLOĠIJA

- L-ekoloġija hija l-istudju tal-inter-relazzjonijiet bejn l-organiżmi ħajjin, pjanti, tjur u annimali, u l-ambjenti tagħhom.

### 1.1. Tjur u Annimali

- Teżisti relazzjoni importanti bejn l-annimali u l-ambjent fiżiku u bijoloġiku.

#### *1.1.1. Ir-Relazzjoni mal-Ambjent Fiżiku.*

+ Fil-ħajja ordinarja tagħhom, l-annimali huma nfluwenzati mill-klima, mill-kenn li jsibu u mill-art fejn jgħammru.
    - Ma' din tal-aħħar inżidu wkoll l-użu tagħha minn essri oħra u minnhom stess!
+ Għall-istess eżistenza tal-ħlejjaq huwa mportanti li fl-ambjent fiżiku jkun hemm diversi fatturi preżenti, fosthom:
    i. Ir-Radjazzjoni tax-Xemx
        - Mingħajr xemx, xtieli ħodor ma jikbrux, tonqos it-temperatura fid-dinja (u l-attivita' tal-annimali), kif ukoll jispiċċa d-dawl (u għalhekk tiġi affettwata l-istess ħajja tal-ħlejjaq).
    ii. Il-Kurrenti tal-Arja u l-Ilma
        - Ix-xita, li tiddependi mill-kurrenti tal-arja, tikkundizzjona l-ħajja tal-annimali.
        - L-istess umdita' taffettwa l-abitat ta' bosta insetti, anzi mingħajrha, uħud imutu.
    iii. L-Ossiġnu
        - Dan hu importanti kemm għall-annimali tal-art, kif ukoll għal dawk tal-ajru u dawk tal-baħar.
    iii. Fatturi Kimiċi oħra
        - Il-minerali tan-nitroġenu u l-fosfati (mifruxa mix-xita), iżommu ċertu bilanċ kimiku fl-art, bilanċ li huwa mportanti mhux biss għall-ħlejjaq tal-art, imma wkoll għal dawk tal-baħar.
        - Il-grad tal-aċidita' fil-ħamrija u fl-ilma jaffettwa l-annimali, l-insetti, it-tjur u l-ħut.

*1.1.2. Ir-Relazzjoni mal-Ambjent Bijoloġiku.*

+ L-ambjent bijoloġiku jinkludi kull ħaġa ħajja: xtieli, annimali, għasafar, tjur, eċċ.
+ Għall-eżistenza tal-ħlejjaq f'dan l-ambjent ukoll, huwa mportanti li jkun hemm diversi fatturi preżenti, fosthom:
    i. L-Ikel
    - Dan jaffettwa l-ħajja u l-attivita' tal-ħlejjaq li normalment ifittxu għall-konsum tagħhom annimali u nsetti iżgħar minnhom, kif ukoll ħxejjex tajba għalihom.

    ii. L-ispazju tal-Medda fejn Jgħixu
    - Dan jiddependi miz-zona fejn jinsab l-ikel.
    - Normalment l-għasafar huma limitati inqas f'dan ir-rigward minħabba li għandhom iktar mobbilita'.

    iii. Il-Komunita' tal-Annimali
    - F'niċċa jew santwarju ekoloġiku l-annimali jiżviluppaw stil u mod ta' ħajja flimkien f'relazzjoni mal-ikel, l-għedewwa, eċċ.
    - Il-popolazzjoni tal-annimali ħafna drabi timxi f'ċiklu li ma jiddependix biss mill-klima, imma tikber jekk ikun hemm ħafna ikel, waqt li tonqos minħabba ġuħ jew mard.

- Fi żmienna, l-istudju ta' din ir-relazzjoni bejn l-annimali u l-ambjent fiżiku u bijoloġiku qed isir dejjem aktar importanti, minħabba
    i. Il-pjanifikazzjoni tas-sajd;
    ii. Il-konservazzjoni ta-ħajja selvaġġa;
    iii. Il-kontroll tal-ġrieden, annimali simili u l-mard konness magħhom (anki minħabba li bl-adattament bijoloġiku li kapaċi jagħmlu dawn, il-pestiċidi jsiru anqas effettivi);
    iv. L-Iżvilupp tal-biedja biex itaffi l-problema tal-ikel.

## 1.2. Il-Pjanti

- Tezisti wkoll relazzjoni tal-pjanti mal-ambjent.

- Hemm fatturi ambjentali l jaffettwaw il-pjanti:
    i. Fatturi Fiżjografiċi
    + Dawn jinkludu l-istruttura fiżika tal-ambjent (blat, amrija, għolja, wied, eċċ.)

    ii. Fatturi ta' Klima
    + Kull aspett tal-klima jaffettwa l-pjanti kif ukoll il-ħajja tagħhom, fosthom ix-xita, it-tibdil fit-temperatura, ir-riħ, ix-xemx, l-uimdita', eċċ.;

    iii. Fatturi ta' Ħamrija
    + Il-pjanta għandha għeruqha fl-art, u għalhekk jaffettwaha l-ilma li jkun fiha, l-umdita', jekk l-art hix hix taflija jew le, eċċ.;

iv. Fatturi Bijoloġiċi oħra

+ Il-pjanta aktarx li mhix waħidha, u għalhekk l-għixien, u kultant l-eżistenza tagħha jiddependu minn jekk hemmx organiżmi oħra ħajjin, annimali jew pjanti qrib tagħha, u jekk hemmx interferenza mill-bniedem.

v. Fatturi Ambjentali oħra

+ Ċerti fatturi ambjentali jolqtu mill-qrib il-ħajja tal-pjanta, fosthom jekk il-ħamrija ta' madwarha tkunx qed titneħħa jew le mill-bniedem jew min-natura, jekk l-art ta' madwarha tkunx għadha fl-istat naturali tagħha jew kultivata, kif ukoll jekk hemmx siġar jew annimali oħra fil-qrib tagħha jew le...

## 2.0. IL-PROBLEMA EKOLOĠIKU ILLUM

### 2.1. Mill-Bniedem Primittiv għall- Bniedem Indstriajlliżżat

-. Il-bniedem primittiv aktarx li kellu relazzjoni ekoloġika normali u bilanċjata mal-flora u l-fawna ta' madwaru.

+ Malli bdiet l-industrijalizazzjoni sar ħafna tibdil fit-tqassim tal-ħlejjaq u l-ħolqien li kien għad-dispożizzjoni tal-bniedem "żviluppat".

+ Mal-mixja tal-iżvilupp, il-bniedem ħarrek pjanti, annimali, għasafar u ħut jew b'aċċident jew bi skop.

- Jikkalkulaw li llum 10% tal-pjanti u l-annimali jinsabu fejn qegħdin għax ħadhom il-bniedem;
- Uħud ġew introdotti tajjeb u ħallew il-ġid;
- Oħrajn għamlu ħsara kbira fejn ġew introdotti, bħalma għamel il-fenek fl-Awstralja li kien introdott hemmhekk fl-1859;
- Oħrajn għamlu ħsara b'aċċident, bħalma ġara meta fl-1876 il-*Colorado Beetle,* li tattakka l-uċuħ tal-patata, daħlet fl-Ewropa bi żball fuq bastiment navali, u baqgħet tnissel ħsara lill-prodotti agrikoli sal-1920.

### 2.2. Il-Qerda tal-Ħajja Naturali

- Il-mixja tal-progress ħafna drabi twassal għall-qerda tal-ambjent naturali, u dan minħabba:

i. Il-produzzjoni tal-ikel;

ii. It-tkattir ta' żoni urbani ġodda, frott ta' popolazzjoni ikbar u żieda fl-industrija urbana;

iii. Użu kbir ta' insettiċidi u pestiċidi, li min-naħa jgħinu fil-produzzjoni agrikola, u min-naħa l-oħra jeqirdu l-abitat u sustanzi oħra mportanti għall-bilanċ ekoloġiku;

iv. Kaċċa u sajd sfrenat, li mhux biss qed joqtlu miljuni ta' annimali, għasafar, tjur u ħut, imma qed ipoġġu fil-periklu l-istess eżistenza ta' għadd ta' speċi.

## 2.3. It-Tniġġiż

- Fil-ħakma tiegħu tan-natura, il-bniedem għamel "żviluppi" kbar, li madankollu mhumiex dejjem pożittivi.
    + L-effetti negattivi ta' din il-ħakma fuq in-natura jistgħu jkunu jew b'intenzjoni jew b'aċċident.
    + Ewlieni fost dawn l-effetti negattivi huwa t-tniġġiż tal-ambjent minħabba:
        - Ħmieġ tal-fabbriki li qed jirriżulta f'ibħra u xmajjar mejtin;
        - Żjut fl-ibħra li qed jifggħu l-ħajja marittima, waqt li jħammġu ix-xtajiet, u jkunu ta' dannu wkoll għar-riżorsi tal-ilma f'dawk il-pajjiżi li jiddependu mid-desaliniżazzjoni tal-ilma baħar għall-provvisti tagħhom.
        - Dħaħen minn karozzi u fabbriki li qed iżidu l-problema taċ-ċpar velenuż (*"smog"*) li jkollu kwantita' għolja ta' *"Carbon Monoxide",* u dan b'detriment għall-istess saħħa tal-bniedem;
        - Xita Aċidiuża, li hija konsegwenza ta' dawn id-dħaħen, imma li hi stess qed tikkawża problemi ambjentali, speċjalment f'ċerti foresti fl-Ewropa;
        - *"Sprays"*, li ħafna minnhom qed jitfgħu gassijiet fl-arja li min-naħa tagħhom iwasslu għall-qerda tal-Ożonju, b'periklu li l-effetti negattivi tar-radjazzjoni tax-xemx jilħqu d-dinja;
        - Gassijiet tossiċi minn impjanti kimiċi u nuklejari, li fejn joħorġu (ħafna darbi bi żball), iħallu diżastri ambjentali għat-tul (bħalma kien ġara fil-każ ta' *Ċernobyl* [Ukraina] fl-ex-Unjoni Sovjetika).

## 2.4. X'Hemm Bżonn Isir

- Quddiem din is-sitwazzjoni, il-bniedem irid iħossu responsabbli mhux biss mill-ambjent tiegħu ta' żmienu, imma wkoll mill-ambjent li se jħalli lil dawk ta' warajh.
    + Għalhekk huwa importanti li:
        - Il-bniedem isir aktar konxju mill-ambjent ta' madwaru u jivvalorizża n-natura kif inħalqet;
        - Irid jagħmel ħiltu biex iġib taħt kontroll l-isfruttament tagħha.

## 3.0. IL-PERSPETTIVA BIBBLIKA

- **In-nisrani għandu jivvalorizża l-ambjent naturali għax hu ħolqien t'Alla.**
  + **F'dan il-kuntest ta' min jiftakar li l-ktieb tal-Ġenesi huwa rakkont popolari biex jagħmel lill-bniedem konxju mill-intervent t'Alla fil-ħolqien sa mill-bidu, u li għalhekk dan hu tajjeb kif inħalaq!**

### 3.1. Ir-Rabta bejn in-Natura u l-Bniedem

- **Il-Kotba Mqaddsa jinsistu li hemm rabta bejn l-ambjent naturali kif maħluq minn Alla, u l-bniedem, maħluq minn Alla wkoll.**
  + **Filfatt jeżisti xebħ bejn il-bniedem u l-annimal.**
    - **"dak li jiġri lill-bniedem jiġri lill-bhima... ilkoll mit-trab saru, ilkoll lejn irt-trab jerġgħu jmorru"** ***(Koħ 3, 19-20).***
  + **Minbarra x-xebħ, l-ordni tan-natura titlob ukoll ċerta kollaborazzjoni bejn il-bniedem u l-annimal.**
    - **Min-naħa huwa l-bniedem li għandu jgħin lill-annimal:**
      → **Tipika hija l-azzjoni ta' Noe' mal-annimali fuq l-ordni ta' Alla, u dan bil-għan li jkunu salvati l-ispeċi kollha fl-Arka** ***(Ġen 6, 9).***
    - **Min-naħa l-oħra huwa l-annimal li jista' jgħin ukoll lill-bniedem.**
      → **Din l-għajnuna hija kemm materjali:**
        † **Eż. il-każ ta' Ġona u l-ħuta** ***(Ġona 2)*****, jew ukoll il-każ tal-ħuta u l-ħlas tat-taxxi** ***(Mt. 17, 27).***
      → **Hija wkoll għajnuna ta' natura spiritwali:**
        † **Fil-perfezzjoni tal-annimali, Ġob jagħraf lil Alla** ***(Ġob 38, 39...).***
      → **L-annimali jfakkru lill-bniedem li Alla jgħin lill-ħlejjaq kollha**
        † **"Minnek jistennew il-ħlejjaq kollha, tiftaħ idejk u jixbgħu bil-ġid" (Salm 104, 27)**

- **L-annimali kollha għandhom ċerta importanza u dinjita' fil-pjan t'Alla, anki l-iktar annimali "baxxi" f'għajnejn il-bniedem.**
  + **Il-ħmar, li f'għajnejn il-bniedem huwa speċi ta' "skjav" tiegħu, għal Alla għandu ċerta importanza anki fil-pjan tas-salvazzjoni tal-bniedem, u forsi għalhekk l-ispeċi tiegħu tingħata ġieħ kemm fir-rakkonti tat-twelid ta' Kristu, kif ukoll fid-daħla tiegħu solenni f'Ġerusalemm.**

- **Alla jirrispetta n-natura ta' madwar il-bneidem.**
  + **Filfatt Alla jagħmel lill-istess annimali suġġetti għal-Liġi Możajka.**
    - **"Arawni, se nagħmel il-patt tiegħi magħkom, mat-tjur u mal-bhejjem, ma' kull bhima selvaġġa li hemm magħkom..."** ***(Ġen 9, 9-10).***

+ Jum is-Sibt jgħodd ukoll għall-annimali.
    - "Fis-seba' jum, tistrieħ int biex jistrieħu l-gendus u l-ħmar tiegħek" *(Eż 23, 12).*

### 3.2. Superjorita' u mhux Qerda tal-Annimal mill-Bniedem

- L-Iskrittura tgħid li Alla ta setgħa lill-bniedem fuq l-annimali.
    + Infatti, fir-rakkont tal-ħolqien huwa sinifikanti kif Adam jagħti l-ismijiet lill-annimali *(Ġen 2, 20).*

- Taħt Alla, il-bniedem huwa s-sid tal-ħolqien, li bħala tali, huwa responsabbli minn bilanċ ekoloġiku.
    + " 'Saltnu fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr tal-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art... Arawm jiena tajtkom l-ħaxix kollu li jagħmel iż-żerriegħa fuq wiċċ l-art, u s-siġar kollha li jagħmlu l-frott ...dawn kollha jkunu għall-għixien tagħkom. U lill-bhejjem kollha selvaġġi u t-tajr kollu tal-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fl-art ...nagħtihom il-ħaxix kollu aħdar għall-għixien tagħhom'. U hekk sar. U ħares Alla lejn kulma kien għamel, u kollox kien tajjeb ħafna" *(Ġen 1, 29-31).*
- B'riżultat tad-dnub, in-natura rvillat għall-bniedem (u għalhekk il-preżenza tal-annimali selvaġġi), u daħlet id-diżordni fid-dinja.
    + L-annimali sinifikattivament jimmansaw ruħhom meta d-dinja tinfeda mid-dnub.
    + "U l-leopard jibda jgħix mal-ħaruf, it-tarbija tal-ħalib titliegħeb fil-ħofra tas-serp" *(Iż 11, 5-8).*

## 4.0. IR-RELAZZJONI TAL-BNIEDEM MAN-NATURA FIT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

### 4.1. Dominju tal-Bniedem fuq in-Natura

- Il-bniedem għandu kull dritt jeżerċita l-ħakma tiegħu b'mod raġunevoli fuq in-natura.
    + Għal dan il-għan il-bniedem jista' "jpoġġiha għar-rieda tiegħu" *(Gaudium et Spes n. 67).*
    + Dan l-eżerċizzju ta' ħakmietu jitwettaq "bix-xjenza u bit-teknika tax-xogħol" *(Gaudium et Spes n. 33; Laborem Exercens n. 9).*

- Il-ħolqien hu kollu għall-bniedem u għall-bnedmin kollha.
    + Imma b'daqshekk ma jfissirx li xi ħadd jista' jikkapparrah b'egoiżmu, għaliex l-ambjent naturali huwa "patrimonju ta' kulħadd" *(Rerum Novarum n. 21).*
    + La darba huwa għal kulħadd, "kulħadd għandu dritt u hu responsabbli min-natura" *(Populorum Progressio n. 22).*

**4.2. Il-Knisja Tifhem il-Problema tan-Natura**

- **L-ambjent naturali qed ikun limitat u mċekken dejjem iżjed fid-dinja ta' żmienna *(Laborem Exercens n.1).***

- **In-natura qed tkun sfruttata żżejjed *(Laborem Exercens n. 1)* u dan qed iwassal għal "riskju ta' qerda" *(Octagesima Adveniens n. 21).***
  - **+ Dan l-isfruttament qed isir mill-industrija, mill-militar, u mill-istess kilba tal-konsumiżmu ta' żmienna *(Redemptor Hominis n. 15).***
  - **+ L-isfruttament tan-natura joħloq theddida permanenti għas-saħħa tal-bniedem.**
    - **Dan minħabba t-tniġġiż *(Laborem Exercens n. 1),* il-mard u l-ħmieġ *(Octagesima Adveniens n. 21).***

**4.3. It-Tweġiba tan-Nisrani**

- **Fit-tagħlim soċjali tagħha, l-Knisja tinsisti li n-nisrani għandu jagħti l-attenzjoni tiegħu kollha għall-problema *(Octagesima Asdfveniens n. 21).***
  - **+ Huwa għandu jassumi responsabbilta' għall-ġejjieni tal-umanita' *(Octagesima Adveniens n. 21).***
    - **Għalhekk għandu jaħdem għall-pjanifikazzjoni razzjonali u onesta fl-ekoloġoja *(Redemptor Hominis n. 15).***

- **Il-Knisja tfakkar lin-nisrani li fil-pjan t'Alla hu mhux biss hu Sid, iżda wkoll il-Kustodju Intelliġenti tal-ħolqien *(Redemptor Hominis n. 15).***
  - **+ Għalhekk jeħtieġ li jippreservah, anki billi jaħdem biex tieqaf it-tellieqa għall-armamenti, l-aktar dawk nuklejari *(Pacem in Terris n. 112).***
    - **F'dan il-kuntest, Papa Piju XII kien diġa' beda jsejjaħ għall-kontroll fuq l-esperimenti u l-użu tal-enerġija nuklejari (speċjalment fil-qasam militari).**
      - **→ "Fi splużjoni nuklejari tiżviluppa f'qasir żmien kwantita' kbira ta' enerġija magħmula minn radjazzjonijiet elettromagnetiċi ta' densita' għolja immens. Din l-enerġija tiġi trasmessa fl-atmosfera, u fi ftit sekondi tgħolli b'mijiet ta' gradi t-temperatura tal-arja... Għal ħafna kilometri madwarha, l-art tiġi attakkata, ġebel u materjali oħra jevaporaw ...filwaqt li kwantita' kbira ta' materjal radjuattiv ikompli bir-rovina aktar 'il bogħod ...Is-sħaba tar-radjuattivita' tagħmel kull għajnuna lill-milquta**

impossibbli; anzi tibqa' tavvanza biex teqred ħajjiet oħra" *(Radjumessaġġ tal-Milied 1955, n. 22).*

→ Għalhekk jinsisti l-istess Papa, hemm bżonn li jinqerdu l-istess armamenti qerrieda, isir kontroll effettiv fuq l-enerġija nukleari, kif ukoll hu meħtieġ li jintlaħaq ftahim internazzjonali għas-sigurta' ugwali tal-popli kollha *(Radjumessaġġ tal-Milied 1955, n. 23-24).*

- In-nisrani għandu jirrealiżża li l-problema tal-ekoloġija hija marbuta mas-saħħa u mal-eżistenza tal-bniedem fid-dinja,
  + In-nisrani irid jifhem ukoll li mill-ħames kmandament, huwa marbut li jagħmel dak kollu possibbli biex jibża' għall-ħajja tiegħu u dik ta' madwaru, waqt li jippromwovi s-saħħa.
  + Id-dmirijiet ekoloġiċi tan-nisrani għandu jkollhom din il-bażi etika.

- Għalhekk hemm bżonn li mingħajr esaġerazzjoni u estremiżmu:
  i. Niddefendu l-ambjent mit-tniġġiż;
  ii. Ma ninkuraġġux il-qerda tiegħu permezz ta' kaċċa, insib, eċċ.;
  i. Ma nieħdux azzjonijiet ta' natura egoista, għax fl-ambjent m'hemmx fruntieri;
  ii. Nivvalorizżaw iktar l-ambjent, kemm għall-ispiritwalita' tagħna nfusna (bħalma għamel San Franġisk), kif ukoll għall-pastorali mal-ġenerazzjonijiet il-ġodda li huma aktar sensibbli minn qatt qabel dwar il-bżonn tal-ħarsien tal-ambjent naturali.

## 5.0. *RIFLESSJONI PARTIKULARI:* L-ENĊIKLIKA "LAUDATO SII"

### 5.1. Id-Dinja li rridu ngħaddu lil ta' warajna

- F'192 paġna, 6 kapitli, 246 paragrafu u zewġ talbiet, it-tieni enċiklika ta' Papa Franġisku li ħareġ fis-sena 2015 titkellem dwar "x'tip ta' dinja rridu ngħaddu lil dawk li ġejjin warajna, lit-tfal li qegħdin jikbru".
  + Papa Franġisku jitlaq mill-kliem tal-predeċessuri tiegħu, u mill-għajta ta' allarm li ilha żmien twissi lill-bniedem tal-lum dwar:
    i. L-isfruttament sfrenat tar-riżorsi,
    ii. Il-politika għamja li tħares biss lejn is-suċċess immedjat mingħajr kunsiderazzjonijiet għat-tul,
    iii. L-egoiżmu tas-soċjeta' konsumista li tirreżisti kull tibdil fl-istil tal-ħajja.

+ Il-Papa jfakkar li l-ħsieb tal-ħolqien irid ikun impenn ta' kulħadd, dawk li jemmnu u dawk li ma jemminx.
    - Fl-istess waqt jsejjaħ mill-ġdid għall-impenn ekumeniku waqt li jikkwota b'mod estiż fuq it-tema ambjentali lill-patrijarka ortodoss Bartilmew.

+ Wara daqqa t'għajn ġenerali u appell biex "jiġġedded id-djalogu dwar il-mod kif qegħdin nibnu l-ġejjieni tal-pjaneta", Papa Franġisku janalizza fl-ewwel kapitlu tal-enċiklika "dak li qed jiġri fid-dar tagħna".
    - Dan jagħmlu billi jinqeda bl-aħħar tagħrif xjentifiku fil-materja ambjentali.

## 5.2. It-Tibdil tal-Klima

– It-Tibdil tal-Klima hija problema globali b'ħafna implikazzjonijiet gravi ambjentali, soċjali, ekonomiċi, distributtivi u politiċi.
  + Dan it-tibdil huwa wieħed mill-isfidi ewlenin attwali tal-umanita' (n.25).
  + Jekk "il-klima hija ġid komuni, ta' kulħadd u għal kulħadd", l-impatt l-iktar tqil tat-tibdil tagħha jaffettwa l-iktar lill-fqar.
    - Imma, jkompli jgħid il-Papa, ħafna minn dawk "li għandhom l-ikbar riżorsi u l-iktar saħħa ekonomika jew politika jidhru li qed jaħsbu l-iktar biex jgħattu l-problemi jew jaħbu s-sintomi".
      → Il-Papa jikkundanna n-nuqqas ta' reazzjoni dwar dan mis-soċjeta', u jgħid li dan hu "sinjal tat-telfien tas-sens ta' responsabbilta' lejn ħutna li huwa l-bażi ta' kull soċjeta' ċivili".

## 5.2. Il-Kwistjoni tal-Ilma

– "L-aċċess għall-ilma tax-xorb tajjeb huwa dritt uman essenzjali, fundamentali u universali".
  + Minnu jiddependi l-għixien tal-bniedem, u minħabba f'hekk hu kundizzjoni għall-eżerċizzju ta' drittijiet oħra tal-bniedem.
  + Li wieħed iċaħħad lil xi ħadd mill-aċċess għall-ilma ikun ifisser ċaħda "tad-dritt tal-ħajja bażat fuq id-dinjita' inaljenabbli tiegħu".

## 5.4. Il-Ħarsien tal-Bijodiversita'

– "Kull sena mid-dinja qegħdin jisparixxu eluf ta' speċi veġitali u annimali li mhux se nibqgħu nagħrfuhom, u li uliedna mhux se jkunu jistgħu jarawhom iżjed".
  + Dawn mhumiex biss riżorsi li m'għandhomx ikunu sfruttati, imma saħansitra għandhom valur fihom innifishom li jeħtieġ li jkun preservat.

## 5.5. Id-Dejn Ekoloġiku tat-Tramuntana lejn in-Nofsinhar tad-Dinja

- Tul iż-żmien kolonjali u anki wara, l-ambjent fil-pajjiżi tan-nofsinhar tad-dinja kien sfruttat bil-kbir minn min kellu s-saħħa u l-poter politioku u/jew ekonomiku.
  - Il-pajjiżi tat-tramuntana tad-dinja għalhekk għandhom dejn ekololoġiku li jrid jitħallas lura minn min sfrutta l-ambjent f'pajjiżi oħra għar-raġunijiet tiegħu.
    - Il-Papa jikkundanna "id-dgħufija tar-reazzjoni" u l-"irresponsabbilta' sfrenata" quddiem din is-sitwazzjoni li titlob bi dritt għajnuna lil tant persuni u popli, speċjalment fid-dinja li għadha ma laħqitx ċertu grad ta' żvilupp.
  - Fil-pajjiżi żviluppati, iżid jgħid il-Papa, jonqos ukoll ir-rieda u d-disponibbilta' li wieħed jibdel l-istil tal-ħajja, kif ukoll il-metodi ta' produzzjoni u l-kilba għall-konsum - kollha aspetti li jaffettwaw l-ambjent sħiħ uman.

## 5.6. Meħtieġa ekoloġija integrali

- Fit-tieni kapitlu tal-enċiklika il-Papa jitkellem dwar "il-Vanġelu tal-Ħolqien", u jdur lura għar-rakkonti bibliċi waqt li jagħti ħarsa estiża lejn it-tradizzjoni lhudija u nisranija.
  - Fid-dawl ta' dan kollu il-Papa jfisser ir-raġuni għar-"responsabbilta' tremenda" li għandu l-bniedem fil-konfront tal-ħolqien.
  - Il-Papa jgħid li l-bniedem għandu d-dmir li "jikkultiva u jindokra" il-ġnien tad-dinja *(ara Ġen 2, 15),* waqt li jagħraf li l-għan aħħari tal-kreaturi l-oħra mhumiex aħna.
    - * Bil-maqlub, il-kreaturi kollha jimxu 'l quddiem flimkien magħna, lejn il-milja komuni li hu Alla.

## 5.7. L-Għeruq Umani tal-Kriżi Ekoloġika

- Fit-tielet kapitlu l-Papa jmur għall-kawżi profondi u umani tal-kriżi ekoloġika, u jikkundanna l-iktar il-loġika "uża u armi" li tiġġenera l-kultura tal-iskart.
  - "L-għarfien tekniku", jgħid il-Papa, jagħti "lil min għandu l-poter ekonomiku dominju mpressjonanti fuq il-bniedem u d-dinja kollha kemm hi".
    - Hija propju l-loġika tad-dominju teknokratiku li twassal għall-qerda tan-natura u għall-isfruttament tal-persuni u tal-popolazzjonijiet l-iktar dgħajfa.
      - → It-teknokrazija tfittex li teżerċita id-dominju tagħha anki fuq l-ekonomija u l-politika, waqt li ma tħallix lill-bniedem jirrikonoxxi li

“is-suq waħdu qatt ma jista' jiggarantixxi l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali”.

→ Minn hawn tidħol il-loġika li “twassal għall-isfruttament tat-tfal, għall-abbandun tal-anzjani, titfa' lil xi uħud f'tipi ġodda ta' jasar, u tonfoħ il-ħila ta’ suq li jikkoreġi lilu nniffsu”.

→ Din hija l-istess loġika tal-mafja, tat-traffikanti tal-organi, tad-droga, u tar-rimi tat-trabi tat-twelid, u dan għaliex ma jkunux jaqblu mal-proġetti tal-ġenituri, eċċ.

– Il-Papa jitkellem dwar id-dinjita' tax-xogħol u tal-persuna umana, waqt li jfisser li “min ma jaċċettax li jinvesti fil-persuni biex ikollu qligħ ikbar u immedjat, ikun qed jagħmel negozju ħażin għas-soċjeta'”.

– Il-Papa jitkellem ukoll dwar l-”*issue”* tal-produzzjoni u l-konsum tal-ikel organiku.
  + Din, jgħid il-Papa, hija “kwistjoni kumplessa”, għaliex għalkemm “f'ċerti reġjuni l-produzzjoni tal-ikel organiku tista’ twassal għal tkabbir tal-ekonomija, madankollu hemm diffikultajiet kbar li m'għandniex niskartaw, fosthom il-konċentrazzjoni tal-art agrikola f'idejn ftit nies”.
    - Papa Franġisku jirreferi b'mod partikulari għall-produtturi u l-bdiewa żgħar li diffiċli jikkompetu ma’ dawk kbar jew ukoll multi-nazzjonali, kif ukoll għall-bijodiversita' u għall-ekosistema.

      → Minħabba f'dan kollu hija meħtieġa diskussjoni xjentifika u soċjali wiesgħa u responsabbli.

## 5.8. Ekoloġija tal-Istituzzjonijiet

- Fir-raba' kapitlu tal-Enċiklika Papa Franġisku jkompli jitkellem minn dik li jsejħilha l-“Ekoloġija Integrali”, u jirreferi b'mod partikulari għall-ġustizzja u l-politika.
  + Jgħid il-Papa li jekk kollox huwa f'relazzjoni ma' xulxin, anki l-istat tas-saħħa tal-istituzzjonijiet u tas-soċjeta' iwassal għall-konsegwenzi fuq l-ambjent u fuq il-kwalita' tal-ħajja umana.
    - “Kull ferita fis-solidarjeta' u fil-ħbiberija ċivika, twassal għall-ħsara ambjentali”.
  + Il-Papa jinsisti li l-analisi tal-problemi ambjentali ma tistax tkun mifruda mill-kuntest uman, familjari, mid-dinja tax-xogħol, eċċ.
    - “M'hemmx żewġ kriżijiet separati, dik ambjentali u dik soċjali, imma kriżi soċjo-ambjentali waħda u kumplessa”.

- Din l-ekoloġija integrali "ma tistax tinfired mill-kunċett tal-ġid komuni".
  - → Fil-kuntest tal-lum fejn "hemm tant differenzi u fejn hemm ħafna iktar nies li qed jitwarrbu u mċaħħda mid-drittijiet umani fundamentali, l-impenn lejn il-ġid komuni ifisser għażliet radikali bażati fuq 'l-għażla preferenzjali tal-fqar'".

5.9. Linji ta' Orjentament u Azzjoni

- Fil-ħames kapitlu tal-*"Laudato Sii",* il-Papa mhux biss jikkundanna imma jistaqsi dwar x'inhu possibbli li jsir għal dak li jirrigwarda l-ambjent, u dan "biex noħorġu mix-xibka tal-awto-distruzzjoni li nezlin fiha".
  + Waqt li l-Knisja ma tippretendix li tifhem u tindaħal fi kwistjonijiet xjentifiċi jew politiċi, il-Papa jistieden għal "dibattitu onest u trasparenti biex il-ħtiġijiet partikulari jew l-ideoloġiji ma jxekklux il-ġid komuni".
    - Dwar dak li sar s'issa, il-ġudizzju tal-Papa huwa pjuttost sever:
      - → "Il-Laqgħat għolja dinjin dwar l-ambjent fl-aħħar snin ma tawx tweġiba għall-aspettattivi, għaliex minħabba nuqqas ta' deċiżjonijiet politiċi, ma wasalniex għal ftehim globali sinifikattiv u effikaċi dwar l-ambjent".
      - → Il-Papa jistaqsi "għaliex irridu nżommu illum setgħa li tibqa' titfakkar biss għan-nuqqas ta' ħila tagħha li tintervjeni meta kien hemm ħtieġa urġenti li tagħmel hekk?"
  + Għalhekk huwa meħtieġ ftehim fuq it-tmexxija tad-diversi aspetti tal-ġid komuni globali minħabba li "il-ħarsien ambjentali ma jistax ikun assigurat biss fuq bażi ta' kalkolu finanzjarju ta' nfiq u qligħ".
    - Il-Papa jikkwota mill-Kompendju tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja u jinsisti li l-ambjent huwa dak "il-ġid komuni li l-mekkaniżmi tas-suq mhumiex kapaċi jiddefendu jew iġibu 'il quddiem b'mod adegwat".
    - Għalhekk il-ħtieġa ta' proċessi deċiżjonali onesti u trasparenti, u dan bil-għan li wieħed jagħraf jagħżel liema inizjattivi politiċi u ta' tmexxija jistgħu jittieħdu għal żvilupp tassew sħiħ.
      - → B'mod partikulari, kull studju dwar l-impatt ambjentali ta' proġett ġdid "jeħtieġ proċaa politiku trasparenti u jinkludi djalogu ma' dawk interessati, waqt li kull korruzjoni li taħbi il-veru impatt ambjentali ta' proġett

bi bdil ma' favuri, ħafna drabi twassal għal forom ta' ftehim ambigwu li jaħrab mid-dmir ta' informazzjoni jew ta' diskussjoni profonda".

+ Partikolarment inċisiv hu l-appell tal-Papa lejn min għandu responsabbiltajiet politiċi, u dan bil-għan li wieħed jevita il-"loġika tal-effiċjenza u tal-immedjat", tant komuni llum.

5.10. Edukazzjoni u Spiritwalita' Ekoloġika

- Fis-sitt u l-aħħar kapitlu, il-Papa jgħid li "kull bidla għandha bżonn ta' motivazzjoni u ta' mixja edukattiva".
  + F'din il-mixja jeħtieġ li jkunu msieħba l-ambjenti kollha edukattivi, fuq quddiem "l-iskola, il-familja, il-mezzi ta' komunikazzjoni u l-katekisti".
  + Il-punt tat-tluq hu "il-mira lejn stil ta' ħajja differenti" li tkun miftuħa anki għall-possibilita' li "teżerċita pressjoni b'saħħitha fuq dawk li għandhom poter politiku, ekonomiku u soċjali".
    - Dan l-istil ġdid ta' ħajja jista' jseħħ meta l-għażliet tal-konsumaturi jirnexxielhom "ibiddlu l-mod kif jimxu l-impriżi, waqt li jġagħluhom jikkunsidraw l-impatt ambjentali u l-mod ta' produzzjoni".
    - Il-mixja edukattiva ambjentali trid tinkludi kampanja favur it-tnaqqis fil-konsum tal-ilma, favur is-separazzjoni u l-ġbir tal-iskart, u t-tifi ta' dwal mixgħula bla ħtieġa."